MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 95/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**
Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi preżentat fis-6 ta’ Marzu 2008 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi r-rikorrenta żżewget lill-intimat fit-12 ta’ Diċembru, 1980 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness: Dok A;

Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal li llum huma maġġorenni;

Illi l-intimat rrenda ruħu ħati prinċipalment minħabba eċċessi, sevizzji, adulterju, moħqrija kif ukoll inkompatibilita’ ta’ karattru fejn bħala konsegwenza l-ħajja

miżżewġa ġiet reża impossibbli u b'hekk m'hemmx lok għar-rikonċiljazzjoni;

Illi l-esponenta ġiet awtorizzata mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tipproċedi għall-firda personali minn ma' żewġha wara li saret il-medjazzjoni *ai termini* tal-liġi: Dok B u Ċ;

Illi l-esponenta taf personalment bil-fatti kollha dikjarati.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

a) Tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli għall-istess intimat kif fuq spjegat, u li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u m'hemmx lok ta' rikonċiljazzjoni.

b) Tiffissa u tordna l-ħlas ta' manteniment xieraq għar-rikorrenta b'dawk il-modalitajiet minnha ordnati.

c) Tiddikjara xolta l-komunjoni t' akkwisti bejn il-partijiet.

d) Tillikwida l-istess komunjoni ta' akkwisti f'porzjonijiet li jidhrilha opportun din l-Onorabbli Qorti.

e) Tassenja d-dar konjugali lill-attriċi ad esklużjoni tal-intimat fejn l-istess intimat jiġi ordnat li jivvaka minnha fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti.

f) Tordna r-restituzzjoni tal-assi parafernali lill-attriċi.

g) Tapplika kontra l-intimat l-effetti kollha tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

h) Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv u tiffissa jum, ħin u lok għall-istess, u tinnomina kuratur deputat sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa’ inġunt minn issa għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata u naqas ukoll li jattendi għas-seduti, u allura huwa kontumaċi skond il-liġi;

Rat l-affidavit preżentat mill-attriċi;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Jannar 2013 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza, u tat-22 ta’ Marzu 2013 fejn reġgħet tħalliet għas-26 ta’ Marzu għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja’ ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma’ żewġha l-konvenut minħabba r-raġunijiet soliti f’dawn it-tip ta’ kawżi.

Illi jirriżulta li t-tfal f’din il-kawża huma llum maġġorenni.

**PROVI**

L-attriċi ppreżentat affidavit, a fol 63, tal-proċess fejn spjegat illi matul iż-żwieġ hija dejjem kienet abbandunata minn żewġha u sofriet diversi eċċessi. Bħalissa lanqas taf fejn qiegħed żewġha, u ilhom mifrudin *‘de facto’* għaxar snin. Ta’ min jgħid illi l-kawża ma setgħetx tagħmel progress minħabba fid-dewmien da parti tal-attriċi biex tinnotifika lill-konvenut.

**TORT**

Ma hemmx dubju li minn dak li għandha quddiemha l-Qorti ma tistax ħlief tattribwixxi lill-konvenut it-tort għat-tifrik taż-żwieġ minħabba eċċessi, sevizzi u moħqrija.

**MANTENIMENT**

Għandu jingħad illi kuntrarjament għal dak illi jiġri f’dawn il-kawżi, l-attriċi għalkemm għamlet it-talba fir-rikors promotur, qatt ma preżentat rikors biex titlob manteniment

*'pendente lite'.* Dan jista' jkun dovut għall-fatt li hija m'għandhiex informazzjoni ta' x'sar minn żewġha jew jekk fil-fatt għandux impjieg jew le, minkejja li setgħet almenu tipprova tagħmel dan. Għalhekk il-Qorti se tħalli impreġudikat id-dritt tagħha għall-manteniment filwaqt li tastjeni milli tiddeċiedi fuqu f'dawn il-proċeduri..

**PROPRJETA'**

L-attriċi ma ressqet ebda prova u għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma hemmx proprjeta' immobbli. Fir-rigward tal-beni mobbli l-Qorti se tassenja lill-attriċi l-oġġetti fid-dar konjugali. Fir-rigward tad-dar, mill-provi jirriżulta li l-attriċi baqgħet tgħix fiha wara l-mewt ta' ommha b'titolu ta' lokazzjoni u allura huwa ġust li hija tingħata d-dritt tibqa' tgħix hemm.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti b'tort tal-konvenut għar-ragunijiet ġja' msemmija u tawtorizza lill-partijiet jgħixu separatament;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba;**

**3. Tilqa' t-tielet talba;**

**4. Fin-nuqqas ta' prova tiddikjara li m'hemmx proprjeta' immobbli bejn il-partijiet, u tassenja lill-attriċi l-beni mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali;**

**5. Tassenja lill-attriċi d-ritt li tgħix fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenut.**

**6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba minħabba li ma tressqux provi fir-rigward;**

**7. Tilqa' s-seba' talba;**

**8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien talba minħabba li ma hemmx lok li tiġi deċiza;**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------